MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru 151/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. Mario Bonello)**

**vs**

**Stephen Nappa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Stephen Nappa** ta’ 25 sena, bin Joseph u Eva *nee’* Cuschieri, mwieled Pieta’ fl-1 tas’ Dicembru,.1980, residenti 21, Triq il-Karmnu, Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ numru 554480M;

Talli fil-15 ta’ Frar, 2006, ghall-habta tal-4:00pm fil-Hamrun dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat u cioe’ serq ta’ vettura wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu gall-ezekuzzjoni tad-delitt, liem adelitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w independenti mill-volonta

tieghu u kieku sehh dan id-delitt kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jaccediex l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' mpbile tal-marka Panasonic, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz ghad-dannu ta' David Attard mill-Hamrun.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament gamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghmilt hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 435, liema hsara ma tisskorriex l-ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghad-detriment tal-imsemmi David Attard;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek strument li jaqta' u bil-ponta bla licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)u (c), 263, 267, 278(2), 325(d) tal-Kap 9 u 13 tal-Kap 66 (kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-rejat);

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Stante li din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-avukat difensur tal-imptuat, li piena karcerarja mhix wahda idonea fic-cirkostanzi, il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal-perjodu ta' tlett snin mil-lum. Kwantu l-ahhar akkuza, qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm25 u tordna l-konfiska tas-sikkina esebita.

Il-Qorti fissret bi kliem car l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li kopja taghha tintbaghat lid-direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------